MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**

**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**

**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2014

Appell Civili Numru. 88/2011/1

**John Vella Laurenti u Antonia Vella**

***v.***

**Michael Refalo u martu Marie Louise Refalo**

1. Dan huwa appell tal-konvenuti minn dikriet mogħti fil-15 ta’ Jannar 2014 mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, li bih intlaqgħet talba tal-attur[1] biex jippreżenta dokument bi prova għalkemm xhur qabel kien iddikjara li ma kellux aktar xiehda xi jressaq.

2. Il-fatti relevanti huma dawn:

3. Din hija azzjoni stimatorja li biha l-attur qiegħed jitlob li jintraddlu sehem mill-prezz li ħallas biex xtara proprjetà immobbli mingħand il-konvenuti għax igħid illi dik il-proprjetà kellha difett moħbi. Fid-9 ta’ Mejju 2012 inżammet seduta “għall-provi tal-attur”[2]. Dakinhar xehed l-attur dwar id-difett u dwar xogħlijiet li għamel biex sewwa l-ħsara. Qal ukoll illi “fir-rigward tal-ammont illi kelli ninkorri minħabba dawn ix-xogħlijiet illi għamilt jiena nipprometti illi nagħmel stima u nippre-żentaha fi stadju ulterjuri”[3]. Il-kawża mbagħad ġiet differita għas-26 ta’ Settembru 2012 “għall-konklużjoni tal-provi tal-attur u kontro-eżamijiet”[4].

4. Ġara illi l-“istadju ulterjuri” li fih l-attur kellu jipproduċi l-istima baqa’ ma wasalx u, fis-seduta tas-26 ta’ Settembru 2012, l-avukat tiegħu

---

1 Jew atturi; ara l-para. 17 ta’ dan il-provvediment.

2 *Fol.* 23 tal-proċess tal-ewwel qorti.

3 *Ibid. fol.* 25.

4 *Ibid. fol.* 32.

iddikjara "li l-attur ma għandux iktar provi xi jressaq"[5]. Għalkemm il-verbal tas-seduta ta' qabel kien igħid illi fis-26 ta' Settembru 2012 kellhom isiru l-kontro-eżamijiet, l-avukat tal-konvenuti talab, bla ma ta raġuni, "li l-kontro-eżami tal-attur isir f'seduta oħra"[6] u l-qorti laqgħet it-talba u ħalliet il-kawża għalhekk għall-4 ta' Diċembru 2012.

5. Fl-4 ta' Diċembru 2012 l-attur ma deherx u għalhekk il-kontro-eżami ma setax isir. Il-kawża tħalliet għas-27 ta' Frar 2013 "għall-kontro-eżami tal-attur u għall-kontinwazzjoni tal-provi tal-konvenut"[7]. Fis-27 ta' Frar 2013 ma sar xejn billi ma deher ħadd u l-avukat tal-konvenuti "talab differiment peress illi jinsab imsiefer"[8] u l-kawża tħalliet għall-21 ta' Mejju 2013 "għall-istess skop".

6. Fil-21 ta' Mejju 2013 reġa' ma sar xejn billi l-attur ma deherx. Il-kawża għalhekk reġgħet tħalliet għad-9 ta' Ottubru 2013 "għall-kontro-eżami tal-attur u għall-kontinwazzjoni provi tal-konvenut"[9].

7. Fid-9 ta' Ottubru 2013 sar il-kontro-eżami tal-attur u l-kawża ġiet differita għall-15 ta' Jannar 2014 "għall-konklużjoni tal-provi tal-konvenuti"[10].

---

[5] *Ibid. fol.* 33.
[6] *Ibid. fol.* 33.
[7] *Ibid. fol.* 39.
[8] *Ibid. fol.* 40.
[9] *Ibid. fol.* 41.
[10] *Ibid. fol.* 45.

8. Fil-15 ta' Jannar 2014 il-konvenuti ma ressqux xiehda u l-avukat tagħhom iddikjara wkoll illi ma għandhomx aktar xiehda xi jressqu. L-avukat tal-attur iddikjara illi "l-atturi fadlilhom jippreżentaw prospett tal-ispejjeż inkorsi minnhom" u talab illi "jiġi awtorizzat jippreżenta dan il-prospett f'terminu li jogħġobha timponi l-qorti"[11]. Il-konvenuti opponew għal din it-talba u l-qorti tat id-dikriet li minnu qiegħed isir dan l-appell u li jgħid hekk:

> "Il-qorti, wara li semgħet it-talba u r-risposta għall-istess talba, tirrileva illi l-verbal illi jsir fl-atti ta' kawża jorbot u illi f'dan il-każ huwa evidenti li meta saret id-dikjarazzjoni min-naħa tal-attur *per se* l-verbal kien wieħed ċar. Madankollu l-qorti ħadet ukoll konjizzjoni tax-xiehda li kien ta l-istess attur fid-9 ta' Mejju 2012 fejn kien ipprometta li ser jagħmel stima u li jippreżentaha fi stadju ulterjuri u għaldaqstant il-verbal illi sar li permezz tiegħu ngħalqu l-provi min-naħa tal-attur evidentement kien hemm żvista u li ghal din l-iżvista m'għandux ibati l-istess attur.
>
> "Illi l-qorti hija konxja wkoll illi l-istadju tal-provi tal-konvenuti ngħalaq; madankollu l-qorti tagħmilha ċara li l-konvenuti ser jingħataw kull opportunità li jikkontestaw l-istess prospett illi ser jiġi ppreżentat.
>
> "Il-qorti għalhekk qiegħda tilqa' t-talba tal-atturi li jippreżentaw tali stima b'dan illi qed tagħmilha ċara li jekk tali prospett ma jiġix preżentat *entro* t-terminu mogħti, il-qorti mhi ser tagħti l-ebda konċessjoni ulterjuri biex tali prospett jiġi preżentat *oltre* t-terminu moghti.
>
> "Il-qorti għalhekk qed tagħti terminu perentorju lill-atturi ta' xahar żmien mil-lum biex jippreżentaw tali prospett li għandu jkun ġuramentat u għandu jiġi wkoll notifikat lill-kontroparti li fis-seduta li jmiss ikollha kull opportunità li tressaq dawk il-provi opportuni li jidhrilha biex tikkontesta l-istess jew/u altrimenti tagħmel dawk id-domandi in kontro-eżami lill-istess attur."

9. Wara li b'dikriet tal-14 ta' Frar 2014 ingħataw permess jagħmlu hekk għall-għanijiet tal-art. 229(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, il-konvenuti appellaw mid-dikriet tal-15 ta' Jannar 2015 b'rikors tal-20 ta' Frar 2014. L-aggravju tal-appell essenzjalmemt huwa illi din

[11] *Ibid. fol.* 46.

id-deċiżjoni sejra "tippremja lil min ma wettaqx bid-diliġenza neċessarja dak li kien jispetta lilu li jwettaq u minflok iġġiegħel 'ibati' lill-kontroparti". Il-konvenuti appellanti komplew fissru l-aggravju hekk:

> "... ... ... in-nuqqas da parti tal-attur li jippreżenta l-prospett tad-danni reklamati minnu ma jista' jkun imputabbli lil ħadd ħliefu stess u ħadd ħliefu ma għandu jbati l-konsegwenzi tan-nuqqas tiegħu. Kellu jkun l-attur u ħadd ħliefu li jivverifika li huwa pproduċa l-provi kollha li kellu bżonn in sostenn tat-talbiet tiegħu qabel ma jiddikjara l-istadju tal-provi tiegħu magħluq. U lanqas ma jista' l-attur jargumenta li huwa ma kellux l-opportunità neċessarja sabiex jivverifika li huwa pproduċa dawk il-provi kollha hekk meħtieġa minnu:
>
> "... ... ...
>
> "Ġie diversi drabi ritenut mill-qrati tagħna li kull parti għandha tieħu ħsieb issegwi l-proċeduri li fiha hija tkun involuta bid-diliġenza kollha neċessarja, u ma jinkombix fuq il-qorti jew fuq il-ġudikant li tikkolma n-nuqqasijiet ta' xi parti jew oħra. U dan bir-raġun, għaliex jekk ikun mod ieħor, il-qorti titlef l-aura ta' imparzjalità li hija essenzjali għall-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzia. L-istess massima tapplika wkoll fejn xi parti tkun aġixxiet bi 'żvista'.
>
> "Għaldaqstant, jekk l-attur ma kienx attent biżżejjed għall-mod li bih huwa mexxa l-kawża tiegħu, huwa naturali li l-konsegwenzi negattivi ta' dak in-nuqqas ta' attenzjoni jiffaċċjahom huwa u mhux il-konvenuti. Dik hija in effetti l-unika konsegwenza li tagħmel ġustizzja mal-partijiet. Jekk jiġi applikat xi eżitu ieħor, anki jekk dan ikun għaliex il-ġudikant 'tiġih ħniena' minn min ikun qiegħed jaġixxi bi żvista, dak il-fatt ikun minnu nnifsu qiegħed iwettaq inġustizzja ma' min ikun qagħad attent fil-prosegwiment tal-kawża min-naħa tiegħu."

10. Il-qorti tibda biex tgħid illi din il-kawża hija xbieha ċara ta' waħda mir-raġunijiet ewlenin tad-dewmien fil-qrati, *viz.* il-mod approssimativ u xejn professjonali kif il-partijiet jistruwixxu l-każ. Li kieku l-attur ħejja l-każ tiegħu kif kellu jkun, kien ikollu l-istima lesta f'idejh sa minn qabel ma fetaħ il-kawża, u kien jippreżentaha flimkien mar-rikors maħluf. Meta l-kawża kienet differita "għall-provi tal-attur", l-attur kellu jara li jġib il-provi tiegħu dakinhar u mhux jassumi illi sejjer ikun hemm "stadju

ulterjuri" għal dan il-għan. Ix-xiehda tal-attur setgħu faċilment inġabru kollha u setgħu saru l-kontro-eżamijiet kollha f'seduta waħda; minflok, ittieħdu seba' seduti għalhekk u, bid-dikriet appellat, sejra tkun meħtieġa seduta oħra għall-eżami tad-dokument li jipproduċi l-attur u, x'aktarx, seduta oħra għax-xiehda tal-konvenuti biex jirribattu l-prova li jrid jagħmel l-attur bid-dokument. Dan ifisser li sejrin ikunu nħlew mill-anqas seba' seduti għax l-attur ma ħejjiex ruħu sew għall-kawża li fetaħ hu stess.

11. Din il-mentalità – li ma jimpurtax li mmorru għall-kawża b'nofs tħejjija għax dejjem ikun hemm "stadju ulterjuri" biex nagħmlu dak li kien imissna għamilna mill-bidunett – hija x'aktarx konsegwenza tas-sistema ta' "għaxar minuti kull xahrejn" għas-smigħ tal-kawżi, sistema impost bid-disposizzjoni xejn għaqlija tal-art. 195(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

12. Applikazzjoni stretta tal-art. 195(4) tal-kodiċi[12] għandha twassal għall-konsegwenza illi l-attur ma għandux iressaq xiehda wara li jkun għalaq l-istadju li fih kien imissu ressaqhom. Madankollu, l-ewwel qorti kellha s-setgħa, taħt l-istess disposizzjoni tal-liġi, illi tagħti differiment "għal raġunijiet serji u eċċezzjonali"; dan huwa mħolli fid-diskrezzjoni tal-qorti li tkun qiegħda tisma' l-każ u din il-qorti ma tiddisturbax l-eżerċizzju ta' din id-diskrezzjoni u ma tissostitwix il-ġudizzju tagħha

[12] "... l-ebda differiment għas-smigħ ma jista' jingħata ħlief għal raġunijiet serji u eċċezzjonali li għandhom jiġu mniżżlin fil-verbal tal-kawża."

għal dak tal-ewwel qorti sakemm ma jkunx manifestament irraġonevoli jew joħloq preġudizzju inġust lil xi parti fil-kawża.

13. Fiċ-ċirkostanzi tal-każ tallum, ma jistax jingħad illi d-deċiżjoni tal-ewwel qorti kienet manifestament irraġonevoli. Il-qorti ħadet ħsieb illi l-konvenuti ma jġarrbux preġudizzju billi tat lilhom ukoll il-fakoltà li jressqu aktar xiehda biex ikollhom "kull opportunità li jikkontestaw l-istess prospett illi ser jiġi ppreżentat".

14. Tassew illi l-kawża sejra titwal u hekk il-konvenuti jinżammu għal żmien itwal fl-inċertezza dwar il-posizzjoni legali tagħhom. Il-konvenuti wkoll iżda ma kinux għalkollox eżemplari fil-mod kif imxew: flok għamlu l-kontro-eżami tal-attur fis-26 ta' Settembru 2012, meta l-kawża kienet differita għalhekk, talbu illi l-kontro-eżami jagħmluh "f'seduta oħra"[13]; fl-4 ta' Diċembru 2012 naqsu milli jressqu x-xiehda tagħhom meta l-kawża kienet differita għalhekk[14]; talbu differiment tas-seduta tas-27 ta' Frar 2013[15].

15. F'dawn iċ-ċirkostanzi, din il-qorti ma tarax illi għandha tiddisturba l-eserċizzju tad-diskrezzjoni tal-ewwel qorti.

16. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tiċħad l-appell u tikkonferma d-dikriet appellat. Fiċ-ċirkostanzi, l-ispejjeż ta' dan l-episodju jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet iżda l-ispejjeż tar-reġistru jħallashom l-attur.

---

[13] *Fol*. 33 tal-proċess tal-ewwel qorti.
[14] *Ibid. foll.* 33 u 39.
[15] *Ibid. fol.* 40.

17. Inċidentalment il-qorti tosserva illi fuq ir-rikors li bih inbdiet il-kawża l-isem tal-parti attriċi fl-*occhio* huwa muri bħala “John Vella Laurenti [I.D. 526046] u”, u ma hemm xejn iżjed wara l-“u”. Imbagħad aktar ’l isfel hemm “Rikors maħluf ta’ John Vella Laurenti [I.D. 526046] u Antonia Vella [I.D. 592514M]”. Il-qorti għalhekk tiġbed l-attenzjoni tal-partijiet għal dan l-iżball ovvju fl-*occhio* u tistedinhom jagħmlu dak li hu meħtieġ biex l-iżball jissewwa.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------